# L-Isla, Bormla u Birgu (Kottonera)




## Ftit tagħrif dwar...l-Isla

- **Maġenb il-Birgu, insibu peniżola oħra -  l-Isla magħrufa bħala Senglea.** Fi żmien l-Assedju l-Kbir (ġlieda bejn il-Maltin/Kavallier u t-Torok fl-1565) u fit-Tieni Gwerra Dinjija (1939 –1945) ħafna **nies ħallew djarhom u marru joqogħdu fl-irħula ma' xi qraba jew  ħbieb**. Dan sar minħabba biża ta' xi attakki fuq il-belt.

- Il-parroċċa ta' l-Isla hi ddedikata lill-Bambina, jiġifieri lit-twelid tal-Madonna u l-festa ssir fit-8 ta' Settembru. Festa magħrufa bħala l-Vitorja. Festa b'tifkira tar-rebħa taż-żewġ gwerer (L-Assedju l-Kbir u t-Tieni Gwerra).

- L-Isla hija marbuta mat-tlielaq tad-dgħajjes li jsiru bejn it-tlett ibliet (Bormla, Birgu, Isla) f'Jum il-Vitorja (8 ta' Settem-bru) u f'Jum il-Ħelsien (31 ta' Marzu).



# Ftit tagħrif dwar… Bormla

- **Bormla hija t-tielet belt li nsibu bejn il-Birgu u l-Isla.**



- **F'Bormla nsibu t-Tarzna fejn jissewwew il-vapuri.**

- Dawn it-tlett ibliet huma magħqudin **flimkien b'żewġ linji ta' swar**. Dawn huma s-swar ta' Santa Margerita biex iħarsu **l-attakki minn fuq il-baħar** u s-swar tal-Kottonera biex iħarsu **dawk ta' minn fuq l-art**. It-Torok kienu jattakkaw kemm mill-baħar (Port il-Kbir) kif ukoll minn fuq l-art (jidħlu minn Marsaxlokk u jibqgħu deħlin 'il ġewwa).

- Din il-parroċċa hi ddedikata lill-Kunċizzjoni - it-tnissil bla tebgħa tal-Madonna. Il-festa ssir fit-8 ta' Diċembru.



Tarzna - post fejn jissewwew il-vapuri